MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Numru. 575/2001

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Mamo)**

**vs**

**Martin Cachia ta' 51 sena, bin Michael u Josephine Aquilina, imwieled Pieta, fid-29 ta' Marzu, 1959 u residenti numru 238, Casa Martina, Triq l-Imhallef W. Harding, Pembroke. Detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 235859(M)**

**Noel Carabott ta' 44 sena, bin charles u Elizabeth nee` Calleja, imwieled Attard, fl-24 ta' Dicembru 1966 u residenti Robian flats, Flat Numru 4, Triq Mimosa, G'Mangia. Detentur ta' l-Karta ta' l-Identita` bin-numru 22867(M)**

**Christopher Hughes ta' 42 sena, bin James u Anna Maria nee` Caruana, imwieled Pieta, fil-21 ta' Jannar 1969 u residenti numru 10, Triq ix-Xatt, Spinola, San**

**Giljan. Detentur ta' Karta ta' l-Identita bin-numru 118269(M)**

**Joseph Mary Difesa ta' 59 sena, bin il-mejjet Joseph u Maria Farrugia, imwieled Valletta fil-21 ta' Settembru 1951 u residenti Villa Difesa, Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq. Detentur ta' Karta ta' l-Identita` bin-numru 723051(M)**

**Richard Mercieca ta' 45 sena, bin Victor u Josephine Galea, imwieled Pieta fit-22 ta' Lulju 1966 u residenti Nadrich, Triq Patri Marjanu, Iklin. Detentur ta' Karta ta' l-Identita` bin-numru 324466(M)**

**Nazzareno sive Reno Buhagiar ta' 40 sena, bin Joseph u Vincenza Baldacchino, imwieled il-Belt Valletta fit-13 ta' Ottubru 1970, residenti FreddyHelly, flat 2, Notabile Road, B'Kara. Detentur ta' Karta ta' l-Identita` bin-numru 442470(M)**

**Michael Sultana ta' 36 sena, bin Angelo u Giovanna Ciantar, imwieled Pieta fit-23 ta' April 1975 u residenti Villa Difesa, Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq. Detentur ta' Karta ta' l-Identita` bin-numru 232575(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputati gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fuq il-Monti sitwat f'Saint James Ditch, il-Furjana nhar il-Hadd 23 ta' Settembru 2001 ghal habta tad-9:30a.m.:

1. xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghal bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' numru ta' CDs, VCDs DVDs, Play Station, PC Games, Audio Tapes u oggetti ohra foloz, u dana bi ksur ta'l-artikolu 298(1)(f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, iddupplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkuppjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu xi artikolu jew haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta'l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha u dana bi ksur ta'l-artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk gew joperaw minghjar licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija a tenur ta'l-Avviz Legali 120 ta'l-1992;

3. wkoll talli Martin Cachia wahdu rrenda ruhu bhala recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 6 ta' Jannar 1998, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. talli Nazzareno Buhagiar rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u ma tistax tigi mibdula kif ukoll ikkommetta reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fl-04 ta' April 1995 liema sentenza bdiet tiddekorri mis-26 ta' Jannar 1998.

5. talli Richard Mercieca wahdu rrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 26 ta' Jannar 1998 , 11 ta' Frar 2000, 12 ta' Mejju 2000, liema sentenzi saru definttivi u ma jistghux jigu mibdula;

6. talli Christopher Hughes wahdu, rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' Awissu 1996, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. talli Joseph Difesa wahdu rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 12 ta' Gunju 1998, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esbieti,

Rat n-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-12 ta' Settembru 2006.

Semghet illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati jinsabu akkuzati biz-zewg imputazzjonijiet principali u cioe' ir-reat dwar il-qerq fil-kummerc, u dak dwar il-ksur tad-drittijiet ta'l-awtur kif ikkontemplat fl-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali.

Illi mill-provi akkwisti f'dina l-kawza irrizulta fil-jum indikat fl-akkuza saret raid mill-pulizija fuq il-Monti gewwa St.James Ditch fil-Furjana. Dana sehh fil-gurnata tal-Hadd 23 ta' Settembru 2001. Dak in-nhar kienu involuti diversi membri tal-korp tal-pulizija. Gie maqbud kwantita' kbira ta' materjal awdjo viziv, compact discs, DVD's, loghob tal-playstation fost affarijiet ohra. Dana sehh fuq suspett li kellhom il-pulizija li kien qieghed jinbiegh materjal iffalsifikat u ikkuppjat. Illi l-pulizja arrestat lill-imputati fuq suspett illi kienu huma li kienu qed joffru dana il-materjal ghal bejgh lill-konsumatur. Wara dana l-imputati u il-materjal maqbud tnizzlu gewwa l-ufficcji tas-sezzjoni tal-frodi fejn hemmhekk jidher illi issejjhet certu Grace Borg li wara li spezzjonat il-materjal maqbud bdiet tindika lill-pulizija liema minn dana il-materjal kien ikkuppjat u liema kien originali. Il-materjal issuspettat falz gie mizmum mill-pulizija wara li allegatament il-materjal gie maqsum individwalment skond lil min mill-imputati kien jappartjeni. Illi mill-istqarrijiet rilaxxjati lill-pulizija[1] l-ebda wiehed mill-imputati ma ammetta illi dana il-materjal kien ikkuppjat. Sahansitra wiehed mill-imputati Noel Carabott stqarr illi dak in-nhar huwa kien jinsab fuq il-Monti mhux bhala bejjiegh izda bhala konsumatur. Jghid illi ghalkemm wiehed mill-vannijiet maqbuda kien jidher irregistrat fuq ismu madanakollu huwa kien biegh dana l-istess vann lil Martin Cachia u ghalhekk ma kienx ghadu jappartjeni lilu.

[1] Ara Dokumenti MS1 sa Ms6 a fols. 94 sa 100 tal-process u Dokument AFM2 a fol.106 tal-process.

Illi f'dawn il-proceduri il-materjal maqbud gie esebiet formalment bhala Dokumenti AFM1 mill-Ufficjal Prosekutur, izda la qatt gie ipprezentat elenku shih ta'l-oggetti maqbuda u lanqas biss gew esebiti ir-ricevuti rilaxxjati mill-pulizija favur l-imputati ghar-rigward tal-materjal maqbud minn ghand kull wiehed individwalment. Jidher illi il-materjal li gie elenkat fuq isem Martin Cachia, Michael Sultana u Christopher Hughes gie ezaminat mill-espert Martin Bajjada u gie ritornat il-Qorti, izda qatt esebit materjalment fil-kawza. Il-materjal l-iehor appartenenti allegatament lill-imputati l-ohra jidher illi parti biss minnu gie ritornat, ghalkemm ukoll mhux esebit materjalment, stante illi l-espert ghamel biss sampling ta' dan il-materjal u esebixxa ghalhekk is-samples li fuqhom sar l-ezami. Il-kumplament tal-materjal ghadu jinsab x'aktarx f'idejn il-pulizija. Illi ma jidhirx illi saret Iinkjesta Magisterjali f'dana il-kaz ghalkemm kien hemm kwantita' kbira ta' materjal maqbud. Mix-xhieda ta'l-Ufficjal Proskeutur jidher illi l-materjal maqbud kien bil-mod segwenti:

1. Christopher Hughes – 1162CDs, 232 VCD, 224 playstation CDs
2. Michael Sultana - 7CDs
3. Martin Cachia – 594DVDs, 709VCDs
4. Joseph Difesa – 25CDs, 825audio cassettes
5. Nazzareno Buhagiar – 17 audio cassettes u 925 CDs
6. Richard Mercieca – 122 playstation CDs u 7 CDs
7. Mill-vann bin-numru ta' registrazzjoni ABB975 li kien fuq isem l-imputat Noel Carabott – 1654 CDs, 389 VCDs u 929 playstation games.[2]

Dana qed jinghad ghaliex huwa biss minn hawn illi johrog mill-provi min-naha tal-prosekuzzjoni kif gie elevat il-materjal. L-espert nominat mill-Qorti Martin Bajjada jghid illi huwa gie mghoddi il-materjal f'kaxxi separati skond lil min kienu jappartjenu kif indikat minn bicca karta li kien hemm fuq il-kaxxa u li huwa esebixxa mar-rapporti tieghu ta' tlieta biss mill-imputati u cioe' ta' Martin Cachia Dokument MC, Michael Sultana Dokument MS u

[2] Ara xhieda Supt. Alexandra Mamo a fol.198

Christopher Hughes Dokument CH. Illi minn dawn ir-rapporti jidher illi gew ezaminati 7 Audio CDs appartenenti allegatament lil Michael Sultana, 509 VCD, 594DVDs u 200Audio CDs li allegatament gew elevati minghand Martin Cachia, filwaqt illi 232VCDs, 1186 audio CDs, 224 Playstation u 12 Catalogues kienu jappartjenu lil Christopher Hughes. Ta' dana fl-istess rapport hemm ir-ricevuta rilaxxjata lill-imputati mill-pulizija u il-karti li kienu imwahhla fuq il-kaxxi individwali sabiex jindika il-materjal li kien hemm gewwa u lil min kien jappartjeni. Ghar-rigward ta' l-imputati l-ohra, dana l-ezercizzju ma sarx mill-espert peress illi kif diga inghad sar qbil bejn il-partijiet illi l-espert jezamina samples biss minn dawn l-oggetti kollha u ghalhekk ma hemmx id-dokumenti relattivi annessi mar-rapporti Dokumenti MB1 sa MB4. Illi inoltre ghalkemm il-Qorti kienet innominat lil PS239 Caruana sabiex jigi iffotografat il-materjal li kien jinstab fid-Dokument AFM1, dana ir-rapport qatt ma gie ipprezentat.[3]

**<u>Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 298B tal-Kapitolu 9</u>**.

Illi min-nota tar-rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali jindika illi tista' tinstab htija fil-konfront ta'l-imputat a tenur ta'l-artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bir-reat ta' ksur tad-drittijiet ta'l-awtur, liema reat jinhtieg il-kwerela tal-parti offiza biex tinstab htija, kuntrarjamnet gha-reat tal-qerq fil-kummerc ikkontemplat fl-artikolu 298 li hija prosegwibbli mill-pulizija *ex officio.* Illi l-ghan tal-ligi permezz ta' dina id-disposizzjoni hija li jkun hemm tutelata taht l-Att Dwar id-Drttijiet ta'l-Awtur (Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta), L-artikolu 3 tal-Kapitolu 415 jelenka s-segwenti bhala ix-xogholijiet li huma eligibbli ghad-drittijiet ta'l-awtur:

"(a) xogholijiet artistici
(b) xogholijiet awdjovizivi
(c ) *database*
(d) xogholijiet letterarji
(e) xogholijiet muzikali.

---

[3] Ara verbal tat-8 ta' Frar 2002 a fol.93

Illi ghal fini tar-reat ikkontemplat f'dana l-artikolu tal-ligi u sabiex jinbdew proceduri bhal dawk in ezami taht dana id-dispost tal-ligi, il-kwerela tal-parti leza hija mehtiega (ara artikolu 298B(2)). Illi gew esebiti mill-prosekuzjoni zewg kwereli t-tnejn igibu id-dati tal-24 ta' Settembru 2001 iffirmati mill-avukat Dr. Patrick Galea li xehed f'dawn il-proceduri.[4] Illi ghar-rigward ta'l-ewwel kwerela jidher illi l-Avukat Galea qieghed jidher bhala il-mandanti ta' diversi socjetajiet esteri filwaqt li ghar-rigward tat-tieni kwerela, jidher illi l-Avukat Galea huwa biss il-legali tas-socjetajiet esteri indikati fl-istess. Illi l-ebda kwerela ma giet esebita in konnessjoni mal-materjal ta' loghob tal-playstation u dana kif jindika l-istess Avukat Galea fix-xhieda tieghu.[5] Ghalkemm l-istess xhud jghid illi dina l-kwerela flimkien mal-copyright certificates kien ser jipprezentahom fi stadju ulterjuri madanakollu dawn qatt ma gew esebiti. Illi l-prosekuzzjoni madanakollu naqset milli fl-ewwel lok tressaq bhala xhieda is-socjetajiet indikati f'dina il-kwerela jew rappresentanti taghhom lokalment sabiex jikkonfermaw il-kwerela minnhom maghmula. Lanqas ma giet esebita il-prokura fejn is-socjetajiet indikati fl-ewwel kwerela awtorizzaw lill-Avukat Patrick Galea jagixxi ghan-nom taghhom f'dawn il-proceduri. Inoltre ghar-rigward ta' dawn iz-zewg kwereli, il-prosekuzzjoni wkoll naqqset milli iggib il-prova dwar jekk il-kwerelanti humiex verament il-proprjetarji tad-dritt ta'l-awtur u cioe' dwar jekk dawna humiex il-*copyright owners* tac-CDs u DVDs in kwistjoni. Illi ghalkemm il-kwereli gew debitament ikkonfermati minn Dr. Patrick Galea, u ghalkemm hemm diversi ismijiet ta' kumpaniji esteri li jipproducu films jew playstation games, ma hemm l-ebda referenza ghall-ismijiet tal-films jew loghob maqbuda mill-pulizija f'dana il-kaz. Mhux biss hekk, izda lanqas hija esebita lista komprensiva tal-optical diskettes maqbuda u huma parti biss minnhom li gew indikati mill-espert tal-Qorti Martin Bajada fir-rapporti esebiti minnu u dana peress illi fir-rigward ta' uhud mill-imputati sar ezami biss fuq samples u mhux fuq l-oggetti kollha. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi ghar-rigward ta'

---

[4] Ara Dokument PG1 konistenti f'zewg kwereli u ix-xhieda ta' Dr. Patrick Galea a fol.194

[5] Ara xhieda a fol.195.

dawn il-kwereli il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi sodisfacenti dwar jekk Dr. Patrick Galea huwiex mandatarju tal-proprjetarji tad-dritt ta'l-awtur u lanqas saret prova jekk il-kwerelanti humiex fil-verita il-proprjetarji de quo. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eugenio Frantz, gie deciz:

**"peress illi l-proceduri taht l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali jistghu jinbdew biss fuq il-kwerela tal-parti offiza, trid issir il-prova mhux biss li hemm kwerela maghmula minn xi hadd, izda li dak ix-xi hadd huwa fil-fatt il-parti offiza."** Illi l-ligi tghid car u tond kif ghandha issir il-kwerela L-artikolu 538 jiddisponi: ***"Kull persuna li jidhrilha li hi offiza b'reat u tkun trid taghmel kwerela ghall-kundanna tal-hati, jekk maghruf jew jekk mhux maghruf fil-kaz li jinkixef, tista' taghmel din il-kwerela lil kull ufficjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra. Illi imbaghad l-artikolu 539, b'referenza ghall-artikolu 536 jiddisponi dak illi ghandu jkun fiha kwerela u cioe' irid ikun hemm imfisser car il-fatt bl-irqaqat kollha tieghu, u ghandu jkun hemm kemm jista' jkun dawk il-partikolaritajiet kollha mehtiega li jaccertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tieghu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-komplici".*** Illi inoltre huwa biss f'dawk ic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 542 tal-Kapitolu 9 fejn il-ligi ma tistenniex li ghandu Jkun hemm prokura sabiex issir kwerela u ghalhekk fil-kaz fejn tista' issir il-kwerela bi prokura, ghandha certament tingieb il-prova tal-prokura.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi f'dana il-kaz mhux biss il-kwerela hija nieqsa minn dettalji li jistghu jwasslu sabiex jinbdew proceduri kriminali f'isem il-parti leza fosthom indikazzjoni cara dwar l-ownership tal-copyright u l-materjal issuspettat falz, talli lanqas hemm prova tal-prokura li abbazi taghha il-mandatarju qieghed jagixxi. Inoltre gha-rigward ta' uhud mill-oggetti maqbuda lanqas biss giet esebita il-kwerela relattiva. Kwindi fin-nuqqas ta' tali prova il-kwerela ma hijiex wahda legalment valida ai fini ta' dawn il-proceduri u il-Qorti fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma tistax hlief tillibera lill-imputati minn din l-akkuza.

**L-artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9.**

Illi l-imputati jinsabu akkuzati wkoll bir-reat dwar il-qerq fil-kummerc a tenur ta'l-artikolu 298(1)(f) tal-kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-pulizija elevaw numru kbir ta'optical diskettes fil-gurnata ta' dina l-ispezzjoni. Illi huwa biss l-imputat Noel Carabott li jichad illi xi materjal minn dak elevat kien jappartjeni lilu ghalkemm dana l-materjal kien jinsab gewwa vann irregistrat f'ismu.

Illi ghandu jinghad mill-bidunett illi l-iter processwali f'dina il-kawza gie mifrux fuq numru twil ta' snin bin-nota tar-rinviju mill-Avukat Generali tasal biss fit-12 ta' Settembru 2006 wara hames snin minn mindu inbdew dawn il-proceduri. Il-provi gew migbura sporadikament mhux quddiem dina l-Qorti kif ippresjeduta bil-konsegwenza illi hafna provi essenzjali ma gewx imressqa. Fl-ewwel lok, l-oggetti maqbuda u elevati mill-pussess ta'l-imputati qatt ma gew esebiti materjalment fl-atti tal-kawza. Jidher illi xi whud minn dan in-numru kbir ta' materjal ('il fuq minn tmint elef optical dikettes), jinsabu fl-edifijcu tal-Qorti ghand l-exhibits officer ghalkemm dawn qatt ma gew esbiti fil-kawza. Dan huwa l-materjal illi l-espert Martin Bajada ghamel l-ezamijiet tieghu fuqhom. Jidher illi l-materjal l-iehor ghalhekk ghadu fil-pussess tal-pulizija. Illi qatt ma gie ipprezentat elenku shih tal-oggetti maqbuda u liema minnhom jappartjenu lill-imputati individwalment. Kif diga inghad, dana jirrizulta biss mix-xhieda ta'l-Ufficjal Prosekutur u mir-rapporti ta'l-espert Martin Bajada. Ricevuti qatt ma gew esebiti mill-prosekuzzjoni ghalkemm tlieta minnhom qeghdin fir-rapporti ta' Martin Bajada. Illi jidher illi l-materjal kollu elevat ittiehed fild-depot tal-pulizija fejn hemmhekk waslu Joe u Grace Borg li bdew jezaminaw dana il-materjal. Illi bir-rispett kollu ghall-abbli prosekuzzjoni, dana ma kienx il-mod ghaqli kif kellha titmexxa dina l-investigazzjoni. Illi ghalkemm kien hemm kwantita' kbira ta' materjal involut madanakollu Inkjesta Magisterjali qatt ma saret. Il-materjal gie ezaminat mis-sinjuri Borg li bir-rispett kollu ma kenux xi esperti nominati biex jaghmlu dana l-ezercizzju. Fil-fatt ix-xhud Alan

Ciangura li kien qed jakkumpanja lis-Sinjuri Borg dak in-nhar jghid espressament fix-xhieda tieghu illi huwa ma riedx jezamina l-ebda xoghol billi ma kellux il-kwalifika ta' Espert sabiex jaghmel dana ix-xoghol.

Illi ghalkemm il-prosekuzzjoni tallega illi l-materjal tqieghed f'kaxxi separati skond l-individwu u li l-istess gew issiggilati, madanakollu l-imputati isostnu illi huma ma ivverfikawx jekk il-materjal tqieghedx kif suppost. Fil-fatt il-Qorti tistqarr illi anke hija stess ghandha id-dubbju dettat mir-raguni jekk il-materjal maqbud giex isseperat sew u elenkat skond lil min mill-imputati kien jappartjeni. Illi l-prosekuzzjoni ma tressaqx l-icken prova sabiex ikun jista' jigi stabbilit b'certezza jekk il-materjal giex maqsum sew skond l-individwu. Per ezempju l-ebda ufficjal tal-pulizija ma jispjega fix-xhieda tieghu kif gie mifrud il-materjal u kif gie ippakkjat. Ma huwiex car jekk l-imputati kienux prezenti meta ix-xoghol kien qieghed jigi ippakkjat. Ma hemmx dokumenti iffrimati mill-istess imputati li jikkonfermaw illi l-materjal f'kaxxa partikolari fil-fatt kien jappartjeni lilhom. Illi kif diga inghad ghalkemm kien gie nominat Espert sabiex jiffotografa dana il-materjal izda ghal xi raguni inspjegabbli dana l-espert qatt ma espleta l-inkarigu lilu moghti.

Illi maghdud dana kollu madanakollu ghandu jinghad illi mir-rapporti esebiti mill-espert Martin Bajjada jirrizulta illi fil-maggior parti tieghu il-materjal elevat mill-pulizija kien fil-fatt *non compliant* u cioe' kif jispjega l-istess espert **"l-prodott mhux konformi fil-kwalita', apparenza, ippakkjar u kontenut ma' prodott kif licenzjat mill-awtur rispettiv."** Illi ma hemmx dubbju illi dana il-materjal kien qieghed jigi offrut ghal bejgh lill-konsumatur jew kien ser jigi offrut ghal bejgh lill-konsumatur. Hemm dubbju biss ghar-rigward ta'l-imputat Michael Sultana li fil-pussess tieghu instabu biss 7 optical diskettes li huwa jikkontendi kienu ghal uzu personali tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li jikkonkorru l-elementi kollha ta' dana ir-reat. Illi huwa minnu illi l-espert ma ikkomparax l-oggetti esebiti ma'l-original, izda l-Qorti innominat espert f'dan il-kamp proprju ghal dina r-raguni u dana peress illi l-espert jista' anke minghajr il-htiega li jara l-original ta'l-

oggett jasal ghal konkluzjoni illi l-optical diskette huwa wiehed falz. Hanwhekk ma ahniex qed nitkellmu fuq xi emblema fuq flokk, li wiehed ikun irid iqabbel il-hjata tieghu jew xi logo fuq xi par zarbun li jista' jigi ikkupjat. Hawnhekk qeghdin fil-qasam tat-teknologija fejn anke mill-ghamla stess ta'l-optical diskette wiehed jista' facilment jasal ghal konkluzjoni tieghu. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali (sede inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet Il-pulizija vs Gaudenzio Borg (deciza 26/08/2998) il-Qorti tat tifsira tal-kelma emblema, marki jew sinjali fejn stqarret illi; ***"wiehed ghandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi, jew kombinazzjoni ta' xi uhud minnhom, mahsuba biex iwasslu messagg dwar l-origini, il-provenjenza jew in-natura tal-merkanzija in kwistjoni …"*** L-emblema trid tkun imxebbha b'qerq, jigifieri maghmula tixbah – u ghalhekk mhux necessarjament identika ghal wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess jinghad naturalment ghal marka jew sinjal; dawn iridu jixbhu marka jew sinjal awtentiku."

Illi meta wiehed iqis ir-rapport ta' l-espert nominat mill-Qorti max-xhieda moghtija mill-imputati Martin Cachia, Joseph Difesa, Nazzareno Buhagiar u Richard Mercieca ma hemmx dubbju illi fil-gurnata in kwistjoni l-imputati kienu qed joffru ghal bejgh materjal iffalsifikat. Illi dawn l-imputati jixhdu  u jaffermaw illi dak in-nhar huma kienu armati fuq il-Monti u kienu qed joffru ghal bejgh dana l-materjal. Illi meta waslu fuqhom il-pulizija huma ordnawlhom sabiex izarmaw it-tilari taghhom u inizzlu il-materjal kollu gewwa d-depot tal-pulizija. Isostnu madanakollu illi l-materjal ma kienx falz. Il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex dubbju illi l-materjal elevat u li gie iddikjarat bhala falz mill-espert tal-Qorti kien jappartjeni lilhom ghalkemm ma hemmx indikat car liema mill-materjal kien jappartjeni lil min minnhom. Illi ghar-rigward ta'l-imputat Christopher Hughes ma hemmx dubbju wkoll li gie elevat kwantita' kbira ta' materjal minn ghandu u li fil-maggior parti tieghu dana wkoll kien falz. Illi madanakollu fir-rigward ta'l-imputati Noel Carabott u Michael Sultana, il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx prova sal-grad mehtieg mill-ligi fil-kamp penali ghal sejbien ta'

htija. Ma hemmx prova illi Michael Sultana kien qieghed joffri is-seba optical diskettes elevati minnu ghal bejgh kif lanqas ma hemm provi sufficjenti illi l-materjal li gie elevat mill-vann bin-numru ta' registrazzjoni ABB 954 kien jappatjeni lill-imputat Noel Carabott. Fil-fatt lanqas ma hemm prova fl-atti illi dana il-vann kien fil-fatt jappartjeni lill-imputat Noel Carabott. Illi l-istess Noel Carabott ma jixhidx f'dawn il-proceduri u fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija huwa jsostni illi dana il-vann kien ghaddieh lil Martin Cachia u kien qed jigi wzat mill-istess. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax issib htija fil-konfront ta' dawn iz-zewg imputati. Illi l-istess ma jistax jinghad madanakollu ghar-rigward ta'l-akkuza illi l-imputati ma kellhomx licenzja skond il-ligi. Illi fil-fehma ta' dina il-Qorti ma hemmx prova sufficjentement cara illi l-imputati ma kellhomx licenzja skond il-ligi. Illi gew esebiti zewg licenzji f'isem Richard Mercieca u Reno Buhagiar (Dokument CS u CS2) u ghar-rigward ta'l-imputat Joseph Difesa jidher illi mill-ghassa tan-Naxxar ma kienx hemm l-ebda records dwar licenzji. Madanakollu ma hemmx prova illi l-imputat ma ghandux xi licenzja mahruga minn xi ghassa tal-pulizija ohra. Ghar-rigward ta' l-imputati l-ohra li qed jigu misjuba hatja ma hemm l-ebda prova fl-atti ghar-rigward tal-licenzji taghhom ghal bejgh fil-gurnata tal-Hadd bhala hawkers.

Illi fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju l-Avukat Generali jindika wkoll l-artikolu 298D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra testwalment:

**"Kull min minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija b'xi mod li jkun ibaghbas, inehhi, jbiddel jew jaghmel numru ta'l-identifikazzjoni ta' chassis jew makna jew fuq vettura bil-mutur jehel meta jinsab hati …"**

Illi l-Qorti tistqarr illi ma hemm l-ebda prova fl-atti processwali dwar dana ir-reat. Ghaldaqstant ma jista' qatt jinstab htija fil-konfront ta'l-imputati ghal kummissjoni ta' dana ir-reat.

Illi finalment l-imputati Martin Cachia, Joseph Mary Difesa, Christopher Hughes, Richard Mercieca u Nazzareno Buhagiar huma wkoll akkuzati li huma recidivi skond il-ligi. Illi il-prova tar-recidiva saret mill-prosekuzzjoni permezz ta' diversi sentenzi li esebiet fl-atti fil-konfront ta' dawn l-erba' imputati.[6] Illi l-istess prosekuzzjoni giet ezentata mid-difiza milli tressaq prova dwar l-identita ta' l-istess sentenzi u ghalhekk dina l-Qorti ma ghandha ghalfejn tghid xejn izjed.

Illi madanakollu ghar-rigward ta'l-imputat Nazzareno Buhagiar u l-akkuza illi huwa ikkometta dana ir-reat matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, l-Qorti hija tal-fehma illi peress illi ghadda hafna zmien il-prosekuzzjoni kellha tressaq prova permezz ta' fedina penali aggjornata illi dina is-sentenza ma gietx fis-sehh permezz ta' xi sentenza ohra moghtija minn xi Qorti ohra u ghalhekk fid-dawl ta' dana id-dubbju l-Qorti ma hijiex ser tghaddi biex iggib fis-sehh dina is-sentenza sospiza.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputati huma recidivi u li huma diga gew ikkundannati kemm il-darba minn dawn il-Qrati fuq reati simili. Illi madanakollu peress illi dana il-kaz ilu ghaddej diversi snin il-Qorti sejra tghaddi biex tinfliggi il-minimum tal-piena ikkontemplata ghar-reat tal-qerq fil-kummerc mizjud bi grad minhabba li l-imputati huma recidivi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 298(1)(f), 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputati Michael Sultana u Noel Carabott minn kull akkuza migjuba fil-konfront taghhom, tillibera ukoll lill-imputati l-ohra Martin Cachia, Christopher Hughes, Richard Mercieca, Joseph Mary Difesa u Nazzareno sive Reno Buhagiar mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront taghhom, izda issibhom hatja ta' l-ewwel akkuza kif ukoll ta' l-akkuzi dwar ir-recdiva u tikkundannhom ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija.

[6] Ara sentenzi esebieti a fol. 360 et.seq tal-process.

Illi b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat Martin Cachia ihallas is-somma ta' €662.23, lill-imputat Christopher Hughes s-somma ta' €689.12, lill-imputat Nazzareno Buhagiar s-somma ta' €64.07, lill-imputat Richard Mercieca s-somma ta' €139.23 u lill-imputat Joseph Difesa s-somma ta' €145.00 favur ir-Registratur tal-Qorti u dana in konnessjoni ma'l-ispejjez peritali.

Illi finalment il-Qorti qed tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tad-Dokumenti AFM1 u dana referibbilment ghal dawk l-oggetti li gew indikati bhala appartenenti lill-imputati Martin Cachia, Christopher Hughes, Nazzareno Buhagiar, Richard Mercieca u Joseph Difesa u tordna lir-Registraur tal-Qorti sabiex ighaddi ghad-distruzzjoni ta'l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------